**Emenda 1**
**Ska Keller**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE**
L-aħħar traġedji fil-Mediterran u l-politiki tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-asil

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| G. billi l-kuntrabandisti u t-traffikanti tal-bnedmin jisfruttaw il-migrazzjoni irregolari u jipperikolaw il-ħajjiet tal-migranti għall-gwadann finanzjarju tagħhom, huma responsabbli għal eluf ta' mwiet, u jirrappreżentaw sfida serja għall-UE u għall-Istati Membri; billi t-traffikanti jiġġeneraw profitti ta' EUR 20 biljun fis-sena mill-attivitajiet kriminali tagħhom; billi skont il-Europol, il-gruppi kriminali organizzati li qegħdin jiffaċilitaw b'mod attiv it-trasport tal-migranti irregolari fil-Baħar Mediterran, kellhom rabta mat-traffikar tal-bnedmin, drogi, armi tan-nar u t-terroriżmu; billi fis-17 ta' Marzu 2015 il-Europol nieda t-Tim Operattiv Konġunt tiegħu "Mare" biex jindirizza dawn il-gruppi kriminali; | G. billi l-kuntrabandisti u t-traffikanti tal-bnedmin jisfruttaw il-migrazzjoni irregolari u jipperikolaw il-ħajjiet tal-migranti għall-gwadann finanzjarju tagħhom, huma responsabbli għal eluf ta' mwiet, u jirrappreżentaw sfida serja għall-UE u għall-Istati Membri; ***billi l-UE u l-Istati Membri tagħha qegħdin jikkontribwixxu b'mod effikaċi għat-trawwim tan-negozju kriminali u perikoluż tat-traffikar tal-bnedmin billi jtellgħu ċnut u jkomplu jissigillaw aktar il-fruntieri esterni tagħhom kontra l-migrazzjoni irregolari, mingħajr ma jipprovdu possibbiltajiet ta' aċċess legali;*** billi t-traffikanti jiġġeneraw profitti ta' EUR 20 biljun fis-sena mill-attivitajiet kriminali tagħhom; billi skont il-Europol, il-gruppi kriminali organizzati li qegħdin jiffaċilitaw b'mod attiv it-trasport tal-migranti irregolari fil-Baħar Mediterran, kellhom rabta mat-traffikar tal-bnedmin, drogi, armi tan-nar u t-terroriżmu; billi fis-17 ta' Marzu 2015 il-Europol nieda t-Tim Operattiv Konġunt tiegħu "Mare" biex jindirizza dawn il-gruppi kriminali; |

Or. en

**Emenda 2**
**Ska Keller**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE**
L-aħħar traġedji fil-Mediterran u l-politiki tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-asil

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jitlob li jkun hemm operazzjoni Ewropea ta' salvataġġ umanitarju robusta u permanenti li, bħal Mare Nostrum, topera fl-ibħra miftuħa u li għaliha jkunu jistgħu jikkontribwixxu l-Istati Membri kollha b'mod finanzjarju u b'tagħmir u assi; iħeġġeġ lill-UE biex tikkofinanzja tali operazzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 3**
**Ska Keller**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE**
L-aħħar traġedji fil-Mediterran u l-politiki tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-asil

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***6a. Jitlob li jitneħħew b'mod immedjat ir-rekwiżiti għal viża għar-refuġjati Sirjani;*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

28.4.2015 B8-0367/2015 }
B8-0378/2015 }
B8-0380/2015 }
B8-0384/2015 } RC1/Em. 4

**Emenda 4**
**Ska Keller**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE**
L-aħħar traġedji fil-Mediterran u l-politiki tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-asil

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 6b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6b. Jistieden lill-Istati Membri jkomplu jagħmlu użu sħiħ minn possibbiltajiet eżistenti sabiex jiżguraw aċċess sikur u legali lejn l-UE, bħal riunifikazzjoni tal-familja estiża, programmi ta' sponsorizzazzjoni privata, kif ukoll skemi ta' studju u xogħol għal migranti b'tali mod li l-persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali jkunu jistgħu jilħqu s-sikurezza fl-Ewropa mingħajr ma jkollhom jirrikorru għal traffikanti kriminali u qsim perikoluż u irregolari tal-fruntiera u tal-baħar; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa aktar strumenti għal aċċess sikur u legali;*** |

Or. en